**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 21 ta' Gunju, 2001**

**Numru 3**

**Avviz. numru 179/01JR**

**AD VENTURES LTD.**

**vs**

**JAGROVE SERVICES LIMITED**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 t'April, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u disa' liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm109.25), rappresentanti prezz ta' servizzi ta' reklamar, skond kif rikjesti mis-socjeta` konvenuta (Dok.A) provduti mis-socjeta` attrici (Dok.B) u debitament iffatturati fil-21 ta' Dicembru, 1999 (Dok.C);**

**Inoltre s-socjeta` attrici qed titlob li s-socjeta` konvenuta tigi kundannata sabiex thallas l-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittra interpellatorja ta' l-20 t'Ottubru, 2000 (inkluz ta' l-erba' tentativi ta' notifika li saru, Dok.E) kif ukoll l-imghaxijiet mill-21 ta' Dicembru, 1999 sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Luigi Sansone li kkonferma li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u disa' liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm109.25), bl-imghaxijiet legali mill-21 ta' Dicembru, 1999 sad-data tal-pagament effettiv;**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-20 t'Ottubru, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**